**KUNSILL LOKALI HAŻ-ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 38– 23 ta' Awwissu 2017**

***Minuti tal-38 laqgħa tal-Kunsill tat-Tmien Legislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Città Rohan, li saret nhar l-Erbgha, 23 ta' Awwissu, 2017 fis-6:00pm.***

Il-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug iltaqa' fl-ufficcju amministrattiv tieghu fi Triq Frans Sammut fis-6:00 ta' filghaxija sabiex issir Agenda Numru 38. Il-laqgha bdiet fis-6:15 pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Prezenti:** | **Sarah Agius** | Sindku |
| | **Alfred Grixti** | Vici-Sindku |
| | **George Cortis** | Kunsillier |
| | **Clive Azzopardi** | Kunsillier |
| | **Philip Said** | Kunsillier |
| | **Vernalise Scicluna** | Kunsillier |
| | **Kevin Glynn** | Kunsillier |
| **Assenti b'Apologija:** | **Roderick Aquilina** | Kunsillier |
| | **Christopher Bongailas** | Kunsillier |
| **Assenti :** | **Hadd** | |
| **Pubbliku:** | **Mr. Robert S. Tabone** | Works' Co-ordinator |
| **Uffiċċjal prezenti:** | **Paula M. Valletta** | Segretarju Ezekuttiv |

**38.1 QARI TAL-ITTRI TAL-APOLOGIJI**

Is-Segretarju Ezekuttiv nfurmat lill-Kunsilliera li kemm il-Kunsillier Chris Bongailas u anke il-Kunsillier Roderick Aquilina ma kienux jistghu jattendu ghal laqgha tal-Kunsill.

**38.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

Is-Sindku Sarah Agius gabet ghall-approvazzjoni l-minuti tal-laqgha precedenti. Hija giet sekondata mill-Kunsillier Kevin Glynn. Il-minuti gew approvati unanimament. (146).

**38.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

38.3.1 Dwar ic-cint fi Triq Dun Salv Ciappara, is-Sindku Sarah Agius li c-cint jista jsir ta erba' jew seba' filati, skont kif jiddeciedi l-Kunsill. L-ispiza ghal dan ic-cint ser tigi mehuda temporanjament mill-fondi tal-UIF, u jigi rritornati meta tigi processata l-applikazzjoni ghall-zvilupp f'din iz-zona. Il-Kunsill qabel unanimament li dan ic-cint ikun ta' seba' filati. L-ispiza sabiex isir dan ic-cint tal-bricks hija ta' madwar Eur7,000.

38.3.2 Il-Kunsill qabel unanimament li l-One Way fi triq il-Buskett ghandha ssir bid-direzzjoni hrug lejn ir-Rabat.

38.3.3 Is-Sindku Sarah Agius infurmat lill-Kunsill li saret laqgha ohra dwar iz-zona tal-Hlas.

38.3.4 Is-Sindku Sarah Agius infurmat lill-Kunsill li r-regjun accetta li jghaddi l-fondi sabiex issir Triq id-Duluri. Qed isiru l-kuntatti neccessarji mal-Water Services sabiex jaraw hemmx bzonn ta' tibdil ta' servizzi.

38.3.5 Wara li gew prezentati tlett kwotazzjonijiet sabiex tinxtara photocopier ghal-librerija gie deciz li tintaghzel l-orhos offerta dik minghand Klikk ghall-Eur251.

38.3.6 L-Onorevoli Godfrey Farrugia talab li titwahhal tabella li tindika l-Brown's Pharmacy ma tabella ezistenti. Il-Kunsill qabel unanimament li jinghata dan il-permess minghajr hlas normali, pero ghandhom jitpoggew erba' pots bil-qsari bhal dawk li hemm diga bhalissa u li ghandhom tinghatalhom l-attenzjoni mehtiega mill-istess stabilliment.

38.3.7 Is-Sindku Sarah Agius gabet ghall-attenzjoni talba li saret minn individwu sabiex il-festa ta' Halloween tinghata 'boost' mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament mat-talba li l-istess 'organizzaturi' jtellghu show taz-zfin fil-pjazza fil-Halloween.

Fis-7:20pm dahal il-Kunsillier Clive Azzopardi u l-Vici Sindku Alfred Grixti.

Fis-7:21pm il-laqgha waqghet fi stadju ta' kumitat sabiex zvilluppaturi ta' proprjeta fi Vjal il-Helsien jappellaw mid-decizjoni li ha l-Kunsill dwar l-arbli tad-dawl ta' quddiem din il-proprjeta. Il-Kunsill kien iddecieda li l-ebda arblu ta' Vjal il-Helsien ma jigi mcaqlaq. Dan ghaliex kull arblu qieghed b'certu simetrija u jaqbel mad-disinn tat-triq.

Il-laqgha tkompliet fis-7:35pm. Il-Kunsill fuq proposta tal-Vici Sindku Alfred Grixti li giet sekondata mis-Sindku Sarah Agius, qabel unanimament li din il-pjanta ta' Vjal il-Helsien tigi rregistrata mal-Planning Authority, sabiex ma jinghata l-ebda permess li jmur kontra din il-pjanta fejn hemm indikat l-i*street furniture* kollha. Il-Kunsill qabel ukoll unanimament li ghandhom jigu riveduti l-permessi li hargu bir-riperkussjonijiet.

38.4 **European Waste Reduction**

Is-Sindku Sarah Agius nfurmat lill-Kunsill li ma tantx kien baqa zmien sabiex il-kunsill jipprezenta l-proposti tieghu u ghaldaqstant ma kienet se ssir l-ebda proposta.

38.5 **Central Strip fi Triq l-Eroj**

Il-Kunsill Lokali qabel li s-Central Strip fi Triq l-Eroj ghandha tinbidel f'zona ta'parkegg. Ghaldaqstant ghandu jigu ccekjat jekk jistghux jigu utilizzati fondi minn entitajiet sabiex isir dan it-tibdil.

38.6 **Pubblikazzjoni dwar ittri ta' Dun Karm Psaila**

Is-Segretarju Ezekuttiv nfurmat lill-Kunsill li kienet avvicinata mis-Sur Tony Cortis sabiex issir publikazzjoni ta'ittri ta' Dun Karm Psaila. Gie maqbul li l-Kunsill jaqbel ma' din l-idea, pero fil-laqgha li jmiss ghandhom jigu prezentati kemm bejn wiehed u iehor tigi tiswa din il-pubblikazzjoni. Il-Kunsill qabel ukoll li l-pubblikazzjoni m'ghandhiex issir permezz ta' ktieb biss izda anke permezz ta' CD jew pen-drive.

38.7 **Kalendarju ta' Gbir ta' Skart f'kull dar**

Gie maqbul li jsir kalendarju/skeda bil-granet ta' meta jingabar kull tip ta' skart u li jigi mqassam bieb bieb gewwa Haz-Zebbug.

38.8 **Planning Authority – Mwejjed u Siggijiet**

Il-Kunsill qabel unanimament li ghandha tittiehed stand kontra talbiet ghall-imwejjed u siggijiet fi spazju pubbliku gewwa Haz-Zebbug. Dan ghaliex l-ispazju pubbliku ghandu jintuza wkoll ghal dawk kollha li jkunu mexjin minn fuq il-bankina. Raguni ohra hija li l-parkegg m'ghandux jonqos.

38.9 **Xandiriet mill-Kazin Banda San Filep**

Is-Sindku Sarah Agius nfurmat lill-Kunsill li l-Kazin Banda San Filep stieden lill-Kunsill sabiex jaghmel xandiriet fuq dan l-istazzjon tar-radju.

38.10 **Skema Libreriji Pubblici**

Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill Lokali japplika ghall-fondi ta' Eur800 ghal-librerija li hawn gewwa Haz-Zebbug u fl-istess hin ikun qed jikkommetti ruhu li jonfoq l-istess ammont mill-fondi tal-Kunsill.

38.11 **Kuntratt Greenpak**

Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill Lokali jgedded il-ftehim li ghandu ma' Greenpak ghas-servizz kollha li qeghdin jinghataw bhalissa gewwa Haz-Zebbug.

38.12 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Wara diskussjoni l-Kunsill inkariga lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jingiebu kwotazzjonijiet ghall-servizz ta'emergenza tat-Tindif u Manutenzjoni tas-Soft Areas sal-laqgha li jmiss. Il-Kunsill qabel unanimament li ghandhom jitnaqqsu 5% mill-kont ta' WM Environmental minhabba nuqqasijiet fis-servizzi moghtija minnu.

Kien hemm qbil unanimu ghall-kumplament tal-iskeda ta' hlasijiet.

38.13 **Tmiem tal-Laqgha u Data tas-Seduta li Jmiss**

Il-laqgha spiccat fit-8:30pm. Id-data tal-laqgha li jmiss giet deciza li ser issir fid-19 ta' Settembru 2017.

| | |
|---|---|
| **Sarah Agius** | **Paula M. Valletta** |
| **Sindku** | **Segretarju Ezekuttiv** |